# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru VI**
**Illum, 18 ta' Jannar, 2001**

**Appell Nru 147/00**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Johann Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Johann Zammit talli f'dawn il-Gzejjer, fis-7 ta' Awissu 1997 u fit-tlett xhur qabel din id-data: (**1**) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga erojina bi ksur tal-ligi; (**2**) kellu fil-pussess tieghu id-droga erojina bi ksur tal-ligi; u aktar talli (**3**) kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Awla 8 liema kundizzjonijiet saru effettivi fit-22 ta' April 1997;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta' Gunju, 2000 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Johann Zammit hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, ikkundannatu komplessivament ghall-piena ta' **prigunerija ghal zmien sitt xhur** (mill-liema periodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li huwa dam mizmum taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz), kif ukoll **multa ta' erba' mitt lira** (Lm400) (pagabbli Lm300 f'pagament wiehed u l-bilanc pagabbli b'rati mensili ta' mhux anqas minn Lm25, u liema multa hija konvertibbli fi tlett xhur prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi); dik il-qorti, inoltre, kkundannatu jhallas is-somma ta' **tmienja w ghoxrin lira u hamsin centezmu (Lm28.50c) spejjez peritali**; fl-ahharnett dik il-qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga ezibita u l-oggetti relatati a kura ta' l-Ispizjar Mario Mifsud li gie nominat espert ghal dana l-iskop;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Johann Zammit, minnu ppresentat fit-8 ta' Gunju 2000, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza, semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkonsidrat:

Skond l-appellant, huwa me kellux jinstab hati kif effettevament instab peress li jikkontendi li ma hux minnu li kien hu li ghadda qartas erojina tal-hamsa lil Therese Agius fis-7 ta' Awissu, 1997. Hu jikkontendi li l-qartas kien ghand din Agius – fis-sens li xtratu hi jew gabitu maghha – u li hu kien semplicement akkumpanjaha f'*shelter* fuq rikjesta taghha ghax hija bezghet tmur hemm wahedha biex tamministra l-erojina lilha nnifisha.

Issa, huwa veru li l-unika xhud kontra l-appellant hija l-imsemmija Agius. Skond l-Artikolu 30 tal-Kap. 101, id-deposizzjoni ta' din ix-xhud ma tirrikjedix il-korroborazzjoni li normalment hi rikjesta fil-kaz tad-deposizzjoni tal-komplici. Dan jitfa' responsabbilta` kbira fuq il-qorti – kemm l-ewwel qorti kif ukoll din il-Qorti ta' l-Appell Kriminali – li tezamina sew u bid-dettal id-deposizzjoni taghha u ta' xhieda ohra biex tara jekk ghandhiex temmen li din Agius, specjalment f'dik il-parti fejn tghid li l-erojina inghatat lilha mill-appellant. Skond l-appellant, Agius kienet waqfet ghal xi hin hdejn hanut partikolari (waqt li hu u certu Keith Darmanin warrbu ftit biex imorru jaghmlu l-awrina); l-appellant jikkontendi li kien f'dan il-hin li Agius xtrat l-erojina. Pero` la l-appellant u lanqas Darmanin ma raw lil Agius tiltaqa' ma hadd iehor. In kontro-ezami, Agius ikkonfermat li hi kienet waqfet ghal ftit hin hdejn dana l-hanut, ghax kellha tistenna lil certa Sharon, li pero` baqghet ma tfaccatx.

L-ewwel qorti, li kellha l-opportunita` li tisma' lix-xhieda jixhdu *viva voce*, qalet hekk a propositu tad-deposizzjoni ta' dina Agius:

"Illi fil-kaz in disamina, il-Qorti hija moralment u legalment konvinta li x-xiehda tat-tfajla hija veritjera. Il-fatt li <u>inizjalment</u> hija kienet riluttanti li tghid minn kien taha l-pakkett, ma jimmilitax kontra din il-konkluzzjoni, anzi fil-fehma tal-Qorti sa certu punt isahhah il-versjoni taghha li baqghet issostni tul il-process. Il-Qorti tifhem is-sentiment li hakem ix-xhud fuq il-pedana u li hu fis-sens li dina ma xtaqitx tixhed kontra l-imputat li kien "qdiha u ghena" meta kienet *sick* ghad-droga. Dan jispjega r-riluttanza inizjali da parti tax-xhud li tirrispondi ghad-domandi li kienu qeghdin isirula fil-Qorti".

Jizdied jinghad ukoll li l-fatt li xhud ibiddel il-versjoni tieghu – jew addirittura, bhalma gara wkoll f'dan il-kaz meta Agius giet prodotta bhala xhud mill-prosekuzzjoni l-ewwel darba quddiem il-Qorti Inferjuri, jirrifjuta li jkompli jwiegeb ghall-mistoqsijiet li jkunu qed isirulu – ma jfissirx necessarjament li dak ix-xhud m'ghandux jigi emmnut, ghax altrimenti jigi vanifikat l-iskop kollu tal-Artikolu 522 tal-Kodici Kriminali. Ifisser, pero`, li l-gudikant ghandu jiehu dana l-fatt in konsiderazzjoni flimkien mac-cirkostanzi l-ohra kollha indikati fl-Artikolu 637 tal-imsemmi Kap. 9 biex jiddeciedi finalment x'ghandu jemmen jew ma jemminx.

Din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa l-process kollu, ma tara ebda raguni impellenti ghala ghandha tiddistuba l-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel qorti dwar kif l-erojina waslet ghand Agius, u ghalhekk sejra tikkonferma s-sentenza ta' l-ewwel qorti li ghal

dak li jirrigwarda s-sejbien ta' htija fir-rigward ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellant, allura imputat.

Kwantu ghall-piena, din il-Qorti, bhall-ewwel qorti, hi tal-fehma li din ghandha tkun fil-minimu taghha. Ghal xi raguni, pero`, l-ewwel qorti, filwaqt li ghal dik li hi piena karcerarja applikat il-piena fil-minimu, meta giet biex tapplika l-piena pekunjarja ikkundannat lill-appellant multa ta' Lm400, meta l-minimu hu ta' mitejn lira. Jizdied jinghad ukoll li multa ta' Lm400 ma tistax tigi konvertita fi tlett xhur prigunerija izda, bhala massimu, fi tmenin gurnata prigunerija (ara l-Artikolu 11(3) tal-Kap. 9). Ghalhekk din il-Qorti sejra tbiddel il-piena in kwantu jirrigwarda l-imsemmija multa.

Ghall-motivi premessi, din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha biss f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant multa ta' erba' mitt lira u fejn stabblit il-modalita` tal-hlas u l-konversjoni fi prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament, u minflok tikkundanna lill-istess appellant multa ta' mitejn lira (Lm200), pagabbli b'rati mensili ta' ghoxrin lira fix-xahar (bl-ewwel pagament dovut mhux aktar tard minn xahar wara li jkun skonta l-piena ta' prigunerija li qed tigi konfermata b'din is-sentenza); u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur